

Brussell, 31 ta' Awwissu 2021  
(OR. en)

11385/21

JAI 932  
RELEX 720  
MIGR 165  
COASI 123

### EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	11374/3/21 REV 3
Suġġett:	Dikjarazzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Afganistan

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-dikjarazzjoni dwar is-sitwazzjoni fl-Afganistan, maqbula mill-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) fil-laqgħa tiegħu li saret fil-31 ta' Awwissu 2021.

DIKJARAZZJONI DWAR IS-SITWAZZJONI FL-AFGANISTAN

1. Il-Ministri għall-Affarijiet Interni tal-UE ltaqgħu illum għal laqgħa straordinarja tal-Kunsill biex jiddiskutu l-iżviluppi fl-Afganistan, b'mod aktar speċifiku fir-rigward tal-implikazzjonijiet potenzjali fl-oqsma tal-protezzjoni internazzjonali, il-migrazzjoni u s-sigurtà. Il-gravità tas-sitwazzjoni li qed tevolvi teħtieġ rispons determinat u konċertat għall-ħafna dimensjonijiet tagħha mill-UE u mill-komunità internazzjonali.
2. L-evakwazzjoni taċ-ċittadini tagħna u, sa fejn hu possibbli, ta' nazzjonali Afgani li kkooperaw mal-UE u l-Istati Membri tagħha u l-familji tagħhom, twettqet bħala kwistjoni ta' prijorità u ser titkompla. F'dan ir-rigward, għaddejja ħidma intensiva biex jiġu identifikati soluzzjonijiet immirati għall-bqija tal-każijiet speċifiċi ta' persuni f'riskju fl-Afganistan.
3. Bħala prijorità immedjata, l-UE ser tkompli tikkoordina mas-sħab internazzjonali, b'mod partikolari n-NU u l-aġenziji tagħha, fir-rigward tal-istabbilizzazzjoni tar-reġjun u biex tiżgura li l-għajnuna umanitarja tilħaq lill-popolazzjonijiet vulnerabbli, b'mod partikolari n-nisa u t-tfal, fl-Afganistan u fil-pajjiżi ġirien. Għal dan il-għan, l-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżidu l-appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti.
4. L-UE ser taħdem ma' pajjiżi terzi u ssaħħaħ l-appoġġ għalihom, b'mod partikolari l-pajjiżi ġirien u ta' tranżitu, li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati, biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex jipprovdu protezzjoni, kundizzjonijiet ta' akkoljenza dinjitużi u sikuri u għajxien sostenibbli għar-refuġjati u l-komunitajiet ospitanti. L-UE ser tikkoopera wkoll ma' dawk il-pajjiżi biex tipprevjeni l-migrazzjoni illegali mir-reġjun, issaħħaħ il-kapaċità tal-ġestjoni tal-fruntieri u tipprevjeni l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali u t-traffikar ta' bnedmin. Għal dan il-għan, għandhom jintużaw bis-sħiħ il-mandati tal-aġenziji tal-UE. B'mod partikolari, l-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ fil-qasam tal-Ażil għandu jżid l-operazzjonijiet esterni tiegħu għat-tiżiħ tal-kapaċitajiet fil-qasam tal-ażil. Barra minn hekk, bħala parti mill-isforzi globali, l-appoġġ jista' jingħata fil-forma ta' risistemazzjoni fuq bażi volontarja, filwaqt li tingħata prijorità lil persuni vulnerabbli, bħan-nisa u t-tfal.

5. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Afganistan għandu jingħata prijorità u jiġi rivedut fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni u ċ-ċirkostanzi mibdula biex isir aktar operazzjonali. Jeħtieġ approċċ ta' Tim Ewropa biex issir ħidma mal-ġirien tal-Afganistan biex jiġi indirizzat l-impatt tal-ispostament fir-reġjun. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-għażliet kollha għall-assistenza finanzjarja meħtieġa taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali, b'mod partikolari l-NDICI<sup>1</sup> u l-istrumenti dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri.
6. Abbażi tat-tagħlimiet meħuda, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma determinati li jaġixxu b'mod konġunt biex jipprevjenu r-rikorrenza ta' movimenti ta' migrazzjoni illegali fuq skala kbira mhux ikkontrollati ffaċċjati fil-passat, billi jħejju rispons ikkoordinat u ordnat. L-inċentivi għall-migrazzjoni illegali għandhom jiġu evitati. L-UE għandha wkoll issaħħaħ l-appoġġ lill-pajjiżi fil-viċinat immedjat tal-Afganistan biex tiżgura li dawk fil-bżonn jirċievu protezzjoni adegwata primarjament fir-reġjun. Il-ħtieġa ta' komunikazzjoni esterna, iżda wkoll dik interna, unifikata u kkoordinata hija kruċjali. Għandhom jitnedew kampanji ta' informazzjoni mmirati biex jiġġieldu kontra n-narrattivi użati mill-persuni li jiffaċilitaw id-dħul klandestin ta' persuni, inkluż fl-ambjent online, li jħeġġu lin-nies jibdedew vjaġġi perikolużi u illegali lejn l-Ewropa.
7. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li s-sitwazzjoni fl-Afganistan ma twassalx għal theddid ġdid għas-sigurtà taċ-ċittadini tal-UE. Iridu jsiru l-isforzi kollha biex jiġi żgurat li r-reġim Taliban iwaqqaf ir-rabtiet u l-prattiki kollha mat-terroriżmu internazzjonali u li l-Afganistan ma jerġax isir santwarju għat-terroristi u l-gruppi tal-kriminalità organizzata. L-UE ser tuża l-għodod kollha disponibbli tagħha biex tissorvelja mill-qrib u tirrispondi għall-iżviluppi fuq il-post li jista' jkollhom impatt fuq is-sigurtà tagħha, b'mod partikolari fil-qasam tal-kriminalità organizzata u t-terroriżmu, inkluż il-finanzjament tiegħu. L-Europol ser tipprovdi analiżi tar-riskji kriminali marbuta mas-sitwazzjoni fl-Afganistan. L-iskambju ta' informazzjoni u intelligence, f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali, anke ma' pajjiżi terzi, u l-kondiviżjoni ta' valutazzjonijiet regolari tat-theddid, huma ta' importanza kbira. It-twettiq f'waqtu tal-kontrolli tas-sigurtà ta' persuni li qed jiġu evakwati mill-Afganistan jibqa' kruċjali.

---

<sup>1</sup> NDICI– Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali.

8. L-UE u l-Istati Membri tagħha, bl-appoġġ tal-Frontex, jibqgħu determinati li jipproteġu b'mod effettiv il-fruntieri esterni tal-UE u jipprevjenu d-dħul mhux awtorizzat, u li jassistu lill-Istati Membri l-aktar affettwati. Għandhom jitwettqu kontrolli tas-sigurtà xierqa, inkluż permezz tal-użu sħiħ tal-bażijiet ta' data rilevanti tal-UE, kif ukoll tar-reġistrazzjoni fil-Eurodac. Barra minn hekk, bħala parti mill-approċċ komprensiv tagħna għall-kooperazzjoni esterna dwar il-migrazzjoni, klawżoli dwar nazzjonali ta' pajjiżi terzi fil-ftehimiet ta' riammissjoni bejn l-UE u ċerti pajjiżi ta' tranżitu għandhom jintużaw fejn ikunu ssodisfati r-rekwiżiti legali.

Il-Kunsill jirrikonoxxi l-hteġa li tiġi appoġġata u pprovduta protezzjoni adegwata lil dawk fil-bżonn, f'konformità mad-dritt tal-UE u l-obbligi internazzjonali tagħna, u li jitqarrbu aktar il-prattiki tal-Istati Membri fl-akkoljenza u l-ipproċessar ta' persuni Afgani li jfittxu l-ażil.

9. Il-Kunsill ser isegwi mill-qrib l-iżviluppi fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali, il-migrazzjoni u s-sigurtà. Huwa ser jirrispondi għat-tentattivi biex il-migrazzjoni illegali tiġi strumentalizzata għal finijiet politiċi u theddid ibridu ieħor, inkluż billi jiġu żviluppati għodod ġodda. Il-Kunsill ser jissorvelja wkoll mill-qrib l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet imsemmija hawn fuq u jiżgura evalwazzjoni regolari sabiex tittejjeb aktar il-kapaċità ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE, filwaqt li jibni fuq l-għodod diġà żviluppati. Il-koordinazzjoni tad-dimensjonijiet kollha ta' din is-sitwazzjoni (umanitarja, tal-iżvilupp, tal-protezzjoni internazzjonali, tal-migrazzjoni, tas-sigurtà, tal-politika barranija) hija kruċjali.